A.L. 304 ta' l-2009

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI (KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2009 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2008 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' *Master of Diplomacy* taħt il-patroċinju tal-*Mediterranean Academy of Diplomatic Studies*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Mediterranean Academy of Diplomatic Studies bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2009 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2008 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' *Master of Diplomacy* taħt il-patroċinju tal-*Mediterranean Academy of Diplomatic Studies* u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2008 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' *Master of Diplomacy* taħt il-Patroċinju tal-*Mediterranean Academy of Diplomatic Studies*, ippublikati bħala Avviż Legali 323 tal-2008, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-Ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2009 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-Ordinament 3 tal-Ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Biex jidħlu fil-Kors, l-applikanti għandhom:

(a) jkunu impjegati fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin tal-pajjiż tagħhom jew f'entità governattiva oħra li tkun attiva fir-relazzjonijiet esterni u jkunu ħadmu f'din il-kariga mill-anqas għal sena; u

(b) jkollhom grad tal-ewwel ċiklu rikonnoxxut mis-Senat għal dan il-għan.

(2) L-applikanti jistgħu jkunu meħtieġa li jattendu għal intervistà biex tiġi aċċertat l-profiċjenza tagħhom fil-lingwa Ingliża."